# 450 Sena mit-Twelid ta' Santa Marija Maddalena de' Pazzi, Karmelitana

P. Charlò Camilleri, O. Carm.

**Il-Verġni Mqaddsa Marija fil-Ħajja u t-Tagħlim ta' Santa Marija Maddalena de' Pazzi**




7 ta' Settembru 1590, lejlet il-Bambina, Santa Marija Maddalena de' Pazzi, mitlufa f'estażi tara r-ruħ ta' ommha Marija di Lorenzo Buondelmonti, fis-sema, sabiħa ħdejn il-Verġni Marija. Skont il-qaddisa ommha kellha l-grazzja fis-sema toqgħod ħdejn il-Verġni Marija, mhux biss għax kien jisimha għaliha u kellha devozzjoni kbira lejn il-Madonna imma wkoll għax kienet twaqqaf kull fejn tmur Fratellanzi tar-Rużarju. Mingħand ommha tgħallmet din id-devozzjoni tar-rużarju u bħalha, il-qaddisa kienet sa minn ċkunitha tgħallem lill-fqar u l-illitterati fil-fidi t-talba tas-Sliema u l-Qaddisa flimkien mal-katekiżmu. Il-preżenza ta' Marija f'ħajjitha kienet waħda importanti u mhux b'kumbinazzjoni li l-Ewwel Tqarbina rċevietha wkoll nhar il-25 ta' Marzu 1576, festa tal-Lunzjata. Bħal f'Marija dakinhar il-Verb ta' Alla ingħaqad fi żwieġ mistiku ma' Caterina de' Pazzi (kif kien jisimha l-qaddisa qabel saret Karmelitana). Mhux ta' xejn lanqas li isimha bħala reliġjuża kien *Maddalena del Verbo Incarnato*, jiġifieri, "Maddalena tal-Kelma li saret Bniedem"

Il-qaddisa tagħna twieldet nhar it-2 ta' April 1566 mill-familja nobbli u importanti de' Pazzi li kellha influwenza mhux żgħira fil-ħajja politika u soċjali ta' Firenze li baqgħet magħrufa għall-*Congiura dei Pazzi* kontra Giuliano dei Medici nhar l-Għid waqt il-quddiesa. Fil-familja de' Pazzi nsibu wkoll il-figura qaddisa tal-Beata Caterina de' Pazzi, soru Franġiskana li mietet fl-età ta' 29 sena. Fis-seklu 16, Camillo Geri de' Pazzi, missier il-qaddisa tagħna kien igawdi rispett kbir mill-familja de' Medici u ntgħażel ukoll bħala kummissarju u gvernatur tal-Gran Duka. Camillo żżewweġ lil Maria di Lorenzo Buondelmonti nhar l-1 ta' Ottubru 1559 u minn dan iż-żwieġ titwieled il-qaddisa tagħna li fil-magħmudija ngħatalha l-isem ta' Caterina. Sa minn tfulitha ddistingwiet ruħha għall-ġibda lejn Alla u l-ħwejjeġ qaddisa, speċjalment fit-taħdita intima ma' Alla fit-talb u l-meditazzjoni u l-ħarba mill-frugħat tal-ħajja nobbli li kienet imdawra bihom, minkejja li kemm ommha u missierha kienu nies devoti u Nsara twajba. Kienet tingħata b'ruħha u ġisimha għall-karità u l-għemejjel tal-ħniena. Bħala tfajla nobbli rċeviet l-edukazzjoni tagħha għand is-Sorijiet *Cavalieresse di Malta*, li nafuhom bħala s-Sorijiet ta' Santa Ursola. Fil-Monasteru tal-*Cavalieresse* rċeviet l-Ewwel Tqarbina u ftit wara għamlet il-vot tal-verġnità. Nibtet fiha sa minn ċkunitha s-sejħa għall-ħajja reliġjuża u ssieħbet mal-Karmelitani. F'Mejju tal-1584 kellha tagħmel il-professjoni reliġjuża b'urġenza minħabba marda, aktarx tuberkolożi, li wasslitha f'xifer il-mewt. Minn dakinhar sal-1590 "sofriet" esperjenzi mistiċi qawwija li baqgħet magħrufa għalihom bħala l-akbar estatika fl-istorja tal-Knisja. Minn dawn is-sitt snin ħarġu l-manuskritti

*Ikompli f'paġna 143*

mimlija bid-duttrina mistika tal-qaddisa miġbura minn fommha stess waqt it-taħdit tal-estażijiet. L-għerf u l-profondità li joħroġ minn dawn il-manustkritti huwa tassew impressjonanti meta tqis li f'dan il-perjodu kellha minn 18 sa 24 sena u wkoll li qatt ma studjat teoloġija u filosofija! Ta' min isemmi iżda l-qari assidwu li kienet tagħmel u wkoll il-formazzjoni soda li ngħatat fil-monasteru mill-konfessuri u l-predikaturi li tagħhom għad għandna miżmuma b'għożża t-traskrizzjonijiet tal-konferenzi. Il-Kitbiet mistiċi tagħha jistgħu jinqasmu fi tnejn: 1) Mill-1584 sal-1585: Għarfien tal-misteru tal-grazzja u espożizzjoni kollha dawl tal-misteri ta' Alla u 2) mill-1585 sal-1590: Għarfien profond tal-misteru tal-ħażen u espożizzjoni tal-qagħda mwiegħra li fiha ninsabu personalment u kollettivament f'dinja u Knisja li tinsab 'il bogħod minn Alla. Tikteb ittri mqanqla lill-Papiet u nies influwenti għar-riforma urġenti tal-Knisja. Il-bqija ta' ħajjitha sal-1607 għaddiethom fil-moħbi u s-skiet kontemplattiv taqdi lil ħutha s-sorijiet u lil kull min kien iħabbat il-bieb tal-Monasteru għall-pariri tagħha, fosthom Maria de Medici li ġiet imżewġha kontra qalbha mas-Sultan ta' Franza Enriku IV. Kellha għal qalbha r-riforma tal-Knisja u kienet iżżomm ruħha aġġornata fit-taqlib tax-xiżmi li fflaġellaw il-Knisja fil-Ġermanja, Franza, l-Ingilterra u l-bqija. Għal kulħadd hija kienet tassew omm spiritwali u d-diliġenza tagħha speċjalment fil-konfront tal-foqra u l-morda kienu tassew eżemplari, hekk li bosta kienu jqisuha omm spiritwali u materjali. Mietet nhar il-25 ta' Mejju 1607 wara żmien ta' tbatija ġewwenija, fiżika u mentali li waħħditha għal kollox ma' Kristu Msallab li jgħajjat: "Alla tiegħi, għaliex tlaqtni?". Il-fama tal-qdusija tagħha xterdet mill-ewwel u sena wara saret l-eżumazzjoni tal-fdalijiet fejn ġisimha nstab sħiħ, kif għadu sa llum. Ġiet beatifikata mill-Papa Urbanu VIII nhar it-8 ta' Mejju 1626 u kanonizzata mill-Papa Klement IX nhar it-28 ta' April 1669. Il-Papa Benedittu fl-2007 kif ukoll il-Papa Franġisku f'din is-sena li qed infakkru l-450 anniversarju tat-twelid, għarfuha bħala "Għalliema tal-Ħajja Spiritwali."

Fil-ħames volumi għanja b'kitbiet u tagħlim siewi għall-ħajja tar-ruħ, tidher b'mod diskret imma qawwi l-preżenza ta' tal-Verġni Marija. Nistgħu ngħidu li d-devozzjoni li rċeviet mingħand ommha fil-familja, kibret fiha f'ħajja Marjana hekk kif din misset mal-Karmelu. Fil-familja ddistingwiet ruħha mill-frugħat tan-




*Ikompli f'paġna 145*

nobbilità li nsibu fl-iktar familja importanti ta' Firenze wara dik tal-Medici. Għal din l-istmerrija hija kienet tiġi mwaqqgħa għaċ-ċajt u ż-żufjett. Biex tibqa' soda fil-fehma tagħha li tingħata għall-ġid li jibqa' għal dejjem hija ntefgħet quddiem xbieha tal-Madonna li kellhom fil-Palazz u ntelqet f'idejha kważi b'att ta' konsagrazzjoni jew affidament. Il-Preżenza ta' Marija kellha tibqa' ssaħħaħ il-ħajja spiritwali ta' Maddalena fil-mixja tagħha wara Kristu. Maddalena kienet filfatt tqis li ħadd ħlief il-Verġni Marija ma wassluha lejn il-Karmelu u "kif hi wasslitha lejn il-Ħajja Reliġjuża fid-Dar tagħha, hekk hi issa riedet tirċievi minn Marija l-grazzja li tifhem ir-Rieda ta' Alla u l-grazzja li twettaqha." U tassew donnu li kienet Marija li akkumpanjata fil-Karmelu. Hija bdiet l-esperjenza fil-monasteru fil-Vġili ta' Santa Marija u bdiet il-postulandat fil-festa tal-Immakulata Kunċizzjoni. Il-Professjoni reliġjuża wkoll għamlitha fuq l-altar tal-Madonna u iktar tard f'Lulju tal-1587, ġeddet il-Professjoni "f'idejn is-safa ta' Marija" hija u żżomm idejha ma' id ix-xbieha tal-Madonna. Naturalment fil-Monasteru Karmelitan iddedikat lil Santa Marija tal-Anġli, hija sabet ħajja Marjana profonda għax il-Karmelu huwa kollu kemm hu Marjan. Hemmhekk hija tgħallmet li kull kunvent Karmelitan huwa "d-Dar ta' Marija". Maddalena kienet tħobb issejjaħ il-kunventi Karmelitani bħala "t-tabernaklu" li jżomm fih il-preżenza ħajja tal-Madonna. Kull filgħodu mal-offerta lit-Trinità Qaddisa tal-ġurnata hija kienet ukoll tintelaq f'idejn Marija. Ta' spiss kienet tħoss li l-Karmelu huwa mħares taħt il-mant tal-Verġni Marija u allura l-Karmelitani kellhom id-dmir li ma jaċċettaw lil ħadd fosthom li jista' jtebba' l-isem tajjeb tad-Dar ta' Marija, imma jfittxu li jikbru fil-virtujiet tas-Sidt tagħhom: l-Umiltà, il-Faqar u l-Imħabba. Għall-Maddalena, il-Madonna hija l-għaxqa tat-Trinità u l-aspirazzjoni tal-Profeti u n-nies ġusti, għax minnha kellu jitwieled Kristu Ġesù l-Messija.

Misteru kbir li kien għal qalb il-Maddalena, kien dak tat-Tħabbira tal-Mulej lil Marija għax fih hija tara mhux biss l-għaqda mistika tal-Verġni Mbierka ma' Ġesù l-Iben ta' Alla magħmul bniedem, iżda wkoll l-għaqda tal-Umanità kollha mad-Divinità. F'Marija għalhekk iseħħ dan iż-żwieġ mistiku bejn Alla u l-Bniedem, żwieġ li jġib is-Sliem li huwa Kristu. Għal dan il-misteru Marija kienet imħejjija sa mill-eternità mit-Trinità Qaddisa sabiex il-Verb jinżel fiha u jitlaħħam minnha u hekk jittrasformaha, jiddivinizzaha. Hija għalhekk l-ewwel waħda li ħadet sehem mill-frott tal-fidwa u s-salvazzjoni.

Il-milja tal-fidwa sseħħ fuq is-Salib. Hemmhekk Marija wkoll hija preżenti ma' Ġesù u kif fit-Tħabbira laqgħet il-Verb Divin hekk taħt is-Salib hija tinfetaħ ħalli tilqa' lilna l-bnedmin. F'waħda mill-esperjenzi mistiċi tagħha hija tara lil Marija ġġorr fi ħdanha lil Ġesù Bambin li mbagħad jinbidel f'Ġesù Mejjet. Marija Omm Alla fit-Twelid issir bl-istess mod l-Addolorata li qalbha tinfetaħ biex tilqgħana, lilna li tajniha lura lil Ġesù mejjet wara li hi tathulna ħaj. Għall-Maddalena, Marija ssir għalhekk mhux biss ommna, imma wkoll ħabiba tagħna li timxi magħna fil-ħajja ta' dixxipli.

Dan Marija tagħmlu bi ħniena u grazzja kbira. Hija spiss issejħilha l-Omm tal-Ħniena għall-imħabba u l-għożża kbira li biha hija tgħożżna. Xi kultant hija taraha fl-estażijiet tagħha, idejha miftuħa beraħ biex tilqgħana fi ħdanha u tfarraġna billi toffrielna l-Ħniena ta' Alla li hu Ġesù Kristu. Għall-Maddalena, l-ħniena, Marija turiha magħna meta tħaddem fina l-għaqda ma' Alla u r-rabta mal-Knisja li tagħha hija l-Omm, permezz tas-safa tal-qalb li hi tagħtina. Ġesù fl-Evanġelju jgħallimna li dawk li huma safja f'qalbhom jaraw lil Alla. Għalhekk Marija fl-esperjenza mistika tal-Maddalena hija dik li tagħtina s-safa tal-qalb tagħha biex inkunu nistgħu tassew nilqgħu lil Kristu fina u nintrabtu ma' Alla. Naturalment din is-safa ta' Marija mhijiex tagħha, imma ġejja minn Alla. Hi mlibbsa biha u tara kif tagħmel biex tlibbisna b'din l-istess safa tagħha.

Nistgħu ngħidu tassew li Marija Maddalena de' Pazzi għexet ħajja tassew Marjana fl-għaqda tagħha ma' Kristu għax hi libset l-istess ħajja u spirtu ta' Marija, li wassalha sal-quċċata tal-għolja tal-perfezzjoni Nisranija.